# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tad-Disgħa laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar il-Erbgħa 13 ta' Jannar 2016 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-Sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm)*

## Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

## 1. Talba.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tmien (8) laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2015.

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, s-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ma kellux komunikazzjonijiet xi jressaq.

## 4. Deċiżjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mill-17 ta' Diċembru 2015 sat-13 ta' Jannar 2016.

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab kummenti jew mistoqsijiet dwar il-lista ta' korrispondenza msemmija hawn fuq li ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

4.2 Il-Kunsillier Domenic Spencer saqsa dwar korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill ġemellat Bridgwater, jekk il-Kunsill hux se jattendi għall-Konferenza li se tiġi organizzata minn dan il-Kunsill li huwa ġemellat mal-Marsa. Is-sindku saqsa lill-kunsilliera jekk hemmx min hu interessat li jattendi għal din il-Konferenza. Il-Kunsillier Domenic Spencer biss wera l-interess. Is-Sindku Francis Debono talab lill-Kunsillier Spencer biex sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss iġib id-dettalji u stimi neċessarji sabiex il-Kunsill jieħu deċiżjoni. Intant il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer semma li fil-korrispondenza hemm mniżżel li l-Onor. Stefan Buontempo huwa mistieden ukoll u għaldaqstant il-Kunsill għandu jivverifika mal-Onor. Stefan Buontempo jekk hux se jattendi.

## 5. *Schedule of Payments 01/16*

5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall- ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## 6. *Purchase Order 4161 - 4175*

6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4161 sa 4175 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. *Purchase Request 3141 - 3152*

7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3141 sa 3152 għall- approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi-Sindku is-Sur Josef Azzopardi issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. *Deċiżjoni fuq Tender Services of a Qualified Accountaint*

8.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li sad-data tal-għeluq ġew sottomessi tlett offerti.

8.2 Is-Sur Francis Debono issuġġerixxa li peress li m'hemmx ċar jekk it-tlett offerenti humiex jinkludu s-servizz ta' inputting tat-transactions kollha fis-Sage apparti s-servizzi ta' accountancy, il-Kunsill talab kjarifika lit-tlett offerenti sabiex jikkonfermaw li l-offerta tagħhom tinkludi s-servizz ta 'inputting. Il-vot kien unanimu u għaldaqstant l-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni dwar għoti ta' din l-offerta fil-laqgħa li jmiss wara li jkun irċieva risposta mit-tlett offerenti dwar il-kjarifika mitlub

## 9. ***Deċiżjoni fuq Kwotazzjoni ta' Supply and Installation of Ornamental Concrete Benches***

9.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li sad-data tal-għeluq ġew sottomessi erba' kwotazzjonijiet.

9.2 Wara li saret evalwazzjoni tal-kwotazzjonijiet, is-Sindku is-Sur Francis Debono issuggerixxa li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża, dik mitfugħa minn Mario Mallia bil-prezz ta' Eur330 kull bank. Il-vot kien favur b'mod unanimu.

## 10. ***Deċiżjoni fuq Kwotazzjoni ta' Supply and Installation of Bins***

10.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li sad-data tal-għeluq ġew sottomessi sitt kwotazzjonijiet.

10.2 Wara li l-kwotazzjonijiet ġew evalwati, is-Sindku is-Sur Francis Debono issuggerixxa li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża, dik mitfugħa minn Mario Mallia bil-prezz ta' Eur175 kull bin. Il-vot kien favur b'mod unanimu.

## 11. ***Deċiżjoni fuq Kwotazzjonijiet ta' Provision of Playing Field Equipment***

11.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li sad-data tal-għeluq ġew sottomessi seba' kwotazzjonijiet.

11.2 Wara li l-kwotazzjonijiet ġew evalwati, is-Sindku is-Sur Francis Debono issuggerixxa li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża, dik mitfugħa minn Mario Mallia bil-prezz ta' Eur1956.00. Il-vot kien favur b'mod unanimu.

11.3 Intant, il-Kunsill iddeċieda biex joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet ta' Playing Field Equipment li jista' jintuża minn tfal bi bżonnijiet speċjali.

## 12. ***Bdil ta' Bankini fi Triq Derby u Triq is-Salib***

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona biex il-Kunsill ibiddel il-bankini ta' Triq Derby, il-parti li għad fadal minnha fuq naħa waħda, kif ukoll ta' Triq is-Salib fejn għad jonqos parti xi ssir.

12.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono kompla li skont l-istimi li saru mill-perit fis-sena 2014, dik ta' Triq Derby ġiet stmata Eur4431 filwaqt dik ta' Triq is-Salib Eur7642. Dawn iż-żewġ bankini se jsiru bil-konkos. Il- vot favur li jsiru dawn il-bankini kien unanimu.

## *13. Bidla fl-iskali tal-Impjegati*

13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona sabiex iż-żewġ impjegati klerikali tal-Kunsill li jinsabu fi Skala 13 jiġi promossi għall-massimu tal-iskala 11 b'effett mill-1 ta' Jannar 2016. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li t-tnejn li huma, huma eleġibbli sabiex jiġu promossi għall-skala 11 peress li t-tnejn li huma ilhom aktar minn tlett snin fl-iskala 13. Il-Kunsillier Frank Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *14. Tweġibiet għall-mistoqsijiet ippreżentati mill-Kunsilliera*

14.1 Il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer saqsa dwar jekk il-Kunsill għandux jġieb kwotazzjonijiet għall-kennels biex isiru Cat Cafés. Il-Kunsill qabel unanimament li jinksibu kwotazzjonijiet sabiex wieħed jara jekk jiswew qabel jieħu deċiżjoni jekk dawn jinxtrawx.

14.2 Il-Kunsillier Frank Zammit qal li ġie avviċinat minn xi residenti ta' Triq is-Salib ma' Triq Patri Feliċjan Bilocca, dwar problema ta' nuqqas ta' parkeġġ u saqsa dwar x'jista' jagħmel il-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Francis Debono rrisponda li l-iskemi ta' parkeġġ residenzjali kkontrollat bil-ħin huma sospiżi min-naħa ta' Transport Malta u l-Kunsilli għad ma jistgħux japplikaw għal dawn l-iskemi.

14.3 Il-Kunsillier is-Sur Josef Azzopardi saqsa dwar il-parking bays fi Triq is-Sajjieda sarux. Is-Sindku is-Sur Francis Debono wieġeb li dawn saru iżda jonqos li jsiru xi aġġustamenti żgħar.

14.4 Il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer fakkar li fil-5 ta' Frar 2016 se tiġi organizzata l-attivita' tal-Karnival bejn is-6pm u 9.30pm fil-pjazza ta' ħdejn l-iskola.

14.5 Il-Kunsillier Jean Paul Zammit informal ill-Kunsill li huwa bagħat email lil Waste Serv Ltd dwar is-sigurta' tal-impjant. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jitlob laqgħa lil WasteServe Ltd ħalli jingħataw assigurazzjonijiet dwar is-sigurta' tal-impjant.

## *15. Aġġornament tal-Laqgħa*

15.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 17 ta' Frar 2016 fis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm).

Il-laqgħa spiċċat fit-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8.15pm)

Francis Debono
Sindku

Kenneth Brincat
Aġent Segretarju Eżekuttiv